MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 830/2012

**Ciantar Norbert**

**ID 11573 M**

**Vs**

**AX Hotel Operations Limites**

**C 40905**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2012 fejn l-attur jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallsu s-somma komplessiva ta' elfejn u tnejn u hamsin ewro (€2,052) konsistenti, in kwantu ghas-somma ta' €414.40 rapprezentanti l-hlas tas-salarju dovut lir-rikorrent ghall-perjodu mid-29 t'Awissu, 2011 sad-9 ta' Settembru, 2011 meta r-rikorrent kien ingustament sospiz mix-xoghol minghajr hlas ta' paga; u in kwantu ghas-somma ta' €1,641.60 rapprezentanti l-hlas tan-notice money dovut lill-attur mis-socjeta'

konvenuta skond il-ligi, bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra uffucjali prezentat mill-attur kontra s-socjeta’ konvenuta u bl-imghax lehali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Illi s-socjeta’ intimate pprezentat risposta fit-8 ta’ Frar 2013 fejn eccepiet illi fl-ewwel lok qieghda tigi ssollevata bir-rispett l-inkompetenza ratione materiae, fis-sens illi l-kwistjoni odjerna taqa’ that il-gudizzju esklussiv tat-Tribunal Industrijali;

Illi fit-tieni lok u minghajr prejudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2147 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suepost u fil-mertu, s-sospensjoni u t-tkeccija sussegwenti ta’ l-attur kien ghal raguni tajba u sufficenti u ghal raguni valida fil-ligi, u dan minhabba l-agir vjolenti, intimidatorju u insobordinat ta’ l-istess attur;

Illi ebda ammont m’hu dovut favor l-attur u l-pretizi ta’ l-istess ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra l-attur.

Xehed l-attur li spjega c-cirkostanzi li tkecca fihom u meta rcieva l-karta mar ghand l-ETC.

Xehed Melvin Cachia in rapprezentanza tan-National Employment Authority u qal li r-rwol tieghu huwa ta’ Segretarju. Qal illi l-attur pprezenta appell dwar it-tkeccija tieghu u ghal finijiet ta’ registrar instmae l-appell u gie deciz illi t-tkeccija kienet wahda ngusta.

It-Tribunal semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni t-Tribunal huwa tal-fehma, illi skond x-xhieda tar-rapprezentant tan-National Employment Authority wara li jsir Appell ikun hemm decizjoni li ma tkunx frivola u ghalhekk it-talba tal-attur li paga li kient dovuta lilu u ghal notice-money ghandha taqa’ that il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal peress illi din tkun money claim wara li d-decizzjoni ta’ tkeccija gusta jew le tkun ittihdet.

Ghalhekk it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni t-Tribunal huwa marbut bil-perjodu tal-preskrizzjoni mghoti bil-ligi. L-attur ipprezenta ittra ufficjali fil-25 ta' Settembru, 2012 mentri hu kien tkecca fid-9 ta' Settembru, 2011. Il-preskrizzjoni hija dik ta' sena u dan il-perjodu skada.

Ghalhekk ghal din ir-raguni t-Tribunal jilqa' din l-eccezzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------